MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 240/2011

**Kargo Aluminium Ltd (C-35555)**

**vs**

**Noel Gauci**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-22 ta’ Lulju 2011 fejn is-socjeta’ attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tmint elef, mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€8,166.88) rapprezentanti din is-somma hlas dovut minnu lis-socjeta’ esponenti ghall-merkanzija konsistenti *inter alia* ta’ bibien u twieqi ta’ l-aluminium ordnati minnu, skond ma jirrizulta mid-dokument anness u immarkat bhala Dok A u li minkejja li gie diversi drabi interpellat sabiex ihallas, l-istess baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficcjali numru 2553/11 u l-Mandat ta’ Sekwestru u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxal Julian Caruana datata 9 ta’ Novembru 2011 fejn thalliet kopja ta’ l-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici (fol. 14 tergo). Inoltre, dakinhar thalla kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali tas-Siggiewi u fl-Ghassa tal-Pulizija tas-Siggiewi.

Rat illi l-konvenut gie notifikat dwar ir-rikors permezz ta’ pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-1 ta’ Novembru 2011 (fol 15) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it-18 ta’ Novembru 2011.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 2011 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2011 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-16 ta’ Dicembru 2011.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tmint elef, mija u sitta u sittin Ewro u tmienja u tmenin Ewro centezmu (€ 8,166.88) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra il-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------